Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 90/ 2018

Il-Pulizja

(Sp. M'Stella Attard)

Vs

Nikolai Bondin

Illum 25 ta' Ottubru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Nikolai Bondin detenur tal-karta tal-identita Maltija 27699M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar il-Gimgha 23 ta' Gunju 2017 ghal habta ta' bejn 7:40pm u 7:45pm bil-vettura BCA329 gewwa Triq Haz-Zabbar, Zabbar:

1. Saq vettura bil-mutur jew vettura ohra b'nuqqas ta kont (Kap 65 Artiklu 15 (1 (a),2))

2. Waqt li kien qieghed isuq l-imsemmija vettura, ecceda' l-limitu ta' velocita` (L.S. 65.11 Artiklu 127)

3. Saq il-vettura bil-mutur jew vettura ohra b'mod perikoluz (Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 2))

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill-Licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-6 ta' Marzu, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 15 (1 (a), 2)) tal-kap 65 tal-ligijiet ta' Malta, u l- Artiklu 127 tal- L.S. 65.11, osservat li jirrizulta li l-akkuzat kien qed isuq il-vettura tieghu li hija ta' kulur blu skur u hekk kif dar mar-roundabout kif huwa stess ikkonferma li seta kien bi ftit sahha, ix-xhieda konjugi Abela ikkonfermaw li l-akkuzat tilef il-kontroll tal-vettura u kwazi baqa' diehel fihom, li ma kienx ghall-fatt li Clayton Abela ra l-incident se jsir u mexxa l-vettura lura biex jevita impatt.

Ghalkemm ma irrizultax li hemm speed eccessiv, irrizulta izda li s-sewqan kien wiehed perikoluz u bla kont.

Illiberatu mill-akkuza numru tnejn [2] u sabitu hati tal-akkuzi numri wiehed [1] u tlieta [3] u; Immultatu multa komplessiva ta' €200.00.

Issospenditlu l-licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett xhur millum u ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jeleva minghand l-akkuzat il-licenzja tas-sewqan minnufih b'dan illi dina ghandha tigi ritornata lill-akkuzat wara li jkun skada t-terminu tas-sospensjoni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Nikolai Bondin, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-6 ta' Marzu, 2018, fejn talab lill-din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni li jidrilha xierqa u opportun, taqta u tiddeciedi dan l-appell billi tirriforma s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Marzu, 2018 fl-ismijiet premessi u dan billi, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu illiberat lill-esponenti mit-=tieni akkuza mnigjuba kontra tieghu, thassarha f' dik il-parti li sabitu hati ta' l-ewwel u t-tielet akkuza u minflok, tillibera lill-esponent mill-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-aggravju tal-esponenti huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok l-espnenti jhossu aggravat bil-fatt illi meta wiehed jiehu in konsidetazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, huwa fl-ebda mod ma jista' jinsab li saq il-vettura tieghu b'mod perikolu u/jew bla kont.

2. Illi tajjeb li jigi rilevat illi l-esponenti gie liberat mill-akkuza li huwa saq il-vettura tieghu b'velocita` eccessiva, u dan ghaliex kien ovvjament impossibbli. Illi mill-provi johrog illi l-esponenti hareg mir-round about, dahar mar-roundabout u dahal fi Triq ix-Xghajra. Illi Triq ix-Xghajra m'hijiex l-ewwel dahla mar-round about imam hija t-tieni wahda. Tajjeb li jinghad ukoll illi madwar din ir-*round about* wiehed issib triq wiesa bizzejjed ghall-karozza. Illi mhux talli hekk, talli sussegwentament, l-esponenti saq ghall-gewwa Triq ix-Xghajra li hija triq wiesgha. Illi allegatament il-karozza ta' Clayton Abela kienet ipparkjata fuq in-naha l-ohra tat-triq.

3. Illi l-aggravju tal-esponenti jikkonsisti fil-fatt huwa fizikament impossibbli illi dak li gie allegat bih jissusti. Illi Daniela u Clayton Abela allegaw illi l-esponenti tilef il-kontrol tal-vettura tieghu mar-round about. Illi kieku dan verament sehh, l-esponenti kien bilfors irid ikun ghaddej b'velocita` eccessiva, li ma kienx, kif del resto ikkonfermat l-ewwel Onorabbli Qorti. Apparti minn hekk wiehed ma jridx jinsa li l-esponenti qabel dar mar-roundabout kien wieqaf.

4. Fit-tieni lok kien impossibbli li Clayton Abela jara lill-esponenti kif qal hu *jiddriftja* meta effettivament, fir-roundabout hemm is-sigar u Clayton Abela ma seta' qatt jara dak li qieghed jigri fin-naha opposta li kienet kompletament mghottija.

5. Illi kieku verament l-esponenti tilef il-kontroll tal-vettura u beda jiddriftja, ma ninsewx, madwar roundabout wiesgha daqs ftit aktar minn karozza, huwa certament ma kienx jasal sa Triq ix-Xghajra imma kien jibqa' diehel gos-central strip li tinsab fid-dahla ta' Triq San Leonardu.

6. Illi mhux talli hekk, talli sahansittra, fid-dahla ta' Triq ix-Xghajra hemm centre strip ohra wiehed jissoponi illi kieku verament hemm l-esponenti tilef il-kontroll tal-vettura, u beda *jiddriftja*, mela jew kien jibqa' diehel fir-roundabout, jew kien jibqa' diehel fis-central strip ta' Triq San Leonardu, jew semmai kien

jibqa' diehe fis-centre strip ta' Triq ix-Xghajra. Dan ovvjament ma sehhx ghax ma kien hemm l-ebda sewqan perikoluz jew ba kont imma saq b'mod normali.

7. Illi tajjeb li jinghad ukoll illi jekk verament Clayton Abela kien ipparkjat fi Triq ix-Xghajra, dan kien qieghed man-naha l-ohra tat-triq, fil-bidu taghha, u ghalhekk huma impossibbli li l-esponenti kien ser jolqot il-karozza ta' Clayton Abela ghaliex bejn id-dahla tat-triq u l-post fejn kien ipparkjat Clayton Abela, hemm effettivament centre strip!!

8. Illi mhux talli, talli Clayton Abela jsostni illi, kieku huwa ma irriversjax il-karozza, l-esonenti kien jolqtu. Din is-sottomissjoni ma tista' qatt titwemmen ghall-zewg ragunijiet. Fl-ewwel lok, Clayton Abela kellu l-karozzi pparkjati warajh, u ghalhekk kieku rriversja kien jahbat fihom, u aktar importanti minn hekk, wiehed irid jistaqsi, f'liema moment irriversja Clayton Abela, meta huwa la seta' jara lill-esponenti iddur mar-roundabout, u aktar minn hekk, bejn fejn kien Clayton Abela u minn fjen dahal l-esponenti, hemm centre strip tifridhom.

9. Illi huwa car illi x-xhieda moghtija minn Clayton u Daniela Abela m'ghandiex mis-sewwa, hija inkonsistenti u effettivament meta wiehed iqisha kif imiss, jirrizulta illi dak li jghidu huwa prattikament impossibbli.

10. Illi ghalhekk l-aggravju tal-esponenti jikkonsisti primarjament fil-fatt illi tenut kont ta dawn ic-cirkostanzi kollha, huwa ma seta' qatt jinstab hati li saq il-vettura tieghu b'mod perikoluz u bla kont, gia la darba l-manuvri li allegatament ghamel kienu impossibbli, u ghalhekk huwa kellu jigi liberat mill-akkuzi migjuba kontra tieghu.

11. Illi l-esponenti jhossu wkolll aggravat bil-fatt illi gia la darba huwa gie liberat mit-tieni akkuza, ghalhekk kien isegwi illi kellu jigi liberat mill-akkuzi l-ohra, ghaliex jekk hu ma kienx qieghed issuq b'velocita` eccessiva, mela wisq anqas ma seta' kien qieghed isuq b'mod perikoluz u/jew bla kont. Illi l-fatt li ma kienx qieghed issuq bi speed eccessiv kien konfermat ukoll in kontro-ezami minn Clayton Abela.

12. Illi l-aggravju jikkonsisti fil-fatt illi sabiex wiehed isuq bla kont u b'mod perikoluz bil-fors irid ikun ghaddej bi speed eccessiv, aktar u aktar meta

wiehed ikun qieghed idur madwar roundabout,, u jidhol fi triq b'centre strip fin-nofs. Iktar minn hekk, biex oersuna jitlef il-kontroll tal-vettura tieghu, kif gie allegat, waqt li qieghed idur madwar roundabout bil-fors irid ikun qieghed isuq b'velocita` qawwija. Illi ghalhekk la l-Ewwel Onorabbli Qorti kkonkludiet illi l-esponenti ma kienx qieghed isuq b'velocita` eccessiva, isegwi ghalhekk illi m'huwiex minnu li huwa tilef il-kontroll tal-vettura, b'konsegwenza illi huwa ma kellux jinstab hati tal-bqija tal-akkuzi.

13. Illi l-esponenti jhossu aggravat bil-fatt illi fl-ghar ipotezi, jekk il-Qorti hasset li huwa ma kienx qieghed isuq bl-aktar mod perfett ghaliex huwa qala minn mar-roundabout naqra bis-sahha (u mhux dar mar-roundabout bis-sahha), semmai dan jammonta ghall-sewqan negligenti, u mhux sewqan perikoluz u bla kont. Illi fil-gurisprudenza nostrana, sewqan negligenti dejjem kien deskritt bhala sewqan li ma jimxix bl-ezatt mar-regolament tat-traffiku. L-importa ta' sewqan perikoluz u sewqan bla kont huwa hafna aktar onoruz milli sempliciment li wiehed jaqla' bis-sahha meta hiereg minn wieqaf ghal go roundabout. Kieku l-esponenti verament saq b'mod perikoluz u bla kont u tilef il-kontroll meta dar ir-roundabout, kieku kien ikollu incident ferm u ferm qabel allegatament kwazi laqat il-karozza ta' Daniela u Clayton Abela, jew mar-roundabout stess, jew maz-zewg centre strips, inkluz is-centre strip li kienent qeghdha tifred id-dahla tat-triq u l-karozza ta' Abela.

14. Illi ghalhekk l-aggravju tal-esponenti jikkonsisti fil-fatt illi semmai, fl-ghar ipotezi, l-esponenti saq b'mod negligenti, u mhux perikoluz jew bla kont, u ghalhekk kellu jigi liberat mill-akkuzi migjuba kontra tieghu.

15. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti jhossu wkoll aggravat bil-fatt illi l-akkuzi kif mahruga kontra l-esponenti ma jistghu qatt jissusistu gia la darba semmai l-akkuza kellha tinhareg fuq Triq ix-Xghajra u mhux Triq (Orlando) Zabbar.

16. Illi mill-ispjegazzjoni li taw it-tliet xhieda fil-kawza, kif ukoll mir-ritratti li pprezentaw Daniela u Clayton Abela stess, johrog illi huma kienu pparkjati mhux fi Triq Zabbar imma fi Triq ix-Xghajra u dan issib konfort fil-pjanta hawn annessa. Illi l-esponenti kien gej minn Triq Zabbar, pero`, jirrizulta illi fi Triq

Zabbar huwa waqaf mar-roundabout, u saq sakemm dahal fi Triq ix-Xghajra. Kieku kellu jitwemmen l-allegat perikolu, dan semmai sehh ghalhekk fi Triq Xghajra.

17. Illi ghalhekk kieku dato ma non concesso li l-esponenti saq b'mod perikoluz u bla kont, dan ghamlu fi Triq ix-Xghajra, u ghalhekk gia la darba ma giex akkuzat li saq b'mod perikoluz u bla kont fi Triq ix-Xghajra, huwa, ma setghax jinstab hati ta' reati li ma jinkwadrawx ruhhom fl-akkuza.

18. Illi finalment l-esponenti jhossu wkoll aggravat bil-piena inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, partikolarment bis-sospensjoni tal-licenzja tiegu ghal tlett xhur. Illi l-esponenti huwa persuna ta' kondotta nadifa, qatt ma miss mal-ghatba tal-Qorti qabel da nil-kaz, u jahdem bhala delivery man mal-kumpanija AV Services Limited. Illi s-sospensjoni tal-licenzja ghal tliet xhur shah sejra twassal lill-esponenti li jitlef xogholu gia la darba xogholu huwa li ddur bil-vann iqassam il-merce.

19. Illi tenut kont ta' dan u tenut kont tal-fatt kif fuq spjegati, l-aggravju tal-esponenti jikkonsisti fil-fatt illi, anki kieku dato ma non concesso huwa kien hati tar-reati migjuba kontra tieghu, il-piena inflitta hija wahda eccessiva u l-licenzja tieghu ma kelliex tigi sospiza jew semmai t-terminu kellu jkun wiehed iqsar.

Rat il-fedina penali tal-appellant esebita fl-atti li hij wahda netta bla eba tebgha ta kontravenzjoni jew rat registrat fuqha.

Rat dak verbalizzat fi-seduta tat-13 ta' Setembru 2018 u cioe li ma hiex ser tiehu konjizzjoni tal-pjanta annessa mar-rikors tal-appellant statne li din tikkostitwixxi prova gdida quddiem il-Qorti tal-Appell.

Semghet il-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-13 ta' Settembru, 2018.

Ikkunsidrat.

Illi l-atti ta din il-kawza jinsabu traskritti u ghalhekk ma kienx hemm lok li din l-Onorabbli Qorti terga' tisma' l-istess xhieda jergghu jiddeponu mill-gdid u l-Qorti ghalhekk ser taghmel referenza ghal-tali xhieda.

Ikkunsidrat ultejorment,

Illi l-prosekuzzjoni esebiet l-affidavit ta' **PC 998 David Sean Caruana,** hu spjega li nhar it-23 ta Gunju 2017 ghall-habta tat-8.00p.m Daniela Attard flimkien ma zewgha Clayton Attard marru l-ghassa tal-pulizija u rraportaw lil waqt li kienu ghadhom kemm waqfu bil-vettura taghhom fi Triq Haz Zabbar kantuniera ma Triq San Leonardo, Haz Zabbar kien hemm sewwieq ta' vettura bin numru ta registrazzjoni BCA 329 tal-ghamla BMW ta' kulur iswed u dan bi speed eccessiv u b'manjieri perikoluzi kien ser joqot l-vettura taghhom izda is-Sur Abela lehaq irriversja il-vettura tieghu b'mod li l-vettura l-ohra ma tolqtux.

Huwa ghamel kuntatt mas-sinjura Josephine Bondin stante li skond is-sitema komputerizzata tal-korp hija sid il-vettura u talabha sabiex ikellem lil min kien qed jghamel uzu mill-vettua numru ta' registrazzjoni BCA 329 fejn din qaltlu li kien binha u talabha biex tghidlu biex jinzel l-ghassa.

Ghal habta tat-8.25p.m mar l-ghassa l-appellant fejn gie infurmat bir-rapport rigward sewqan perikoluz u b'xewqan ecccessiv u li kien ser jolqot vettura b'mara tqila fiha fejn min naha tieghu qal li jaf li kien saq bi speed izda ma jafx li kien ser jolqot vettura u ta' dan skuza ruhu fejn zgura ma kienitx l-intenzjoni tieghu. Cio' nonostatne gie infurmat li kienu ser jinhargu akkuzi fil-konfront tieghu.

**Clayton Abela** xehed nhar is-6 ta' Marzu 2017 u kkonferma li kien ghamel rapport l-ghassa dwar incident li sehh nhar it-23 ta' Gunju, 2018 ghall-habta tas-7.30 jew is-7.45am. Jghid li kien qieghed jipparkja il-vettura tieghu fi Triq Haz- Zabbar u kif ipparkjaha ezatt u kien ghadu ma tefiex il-magna beda jisma' hafna hsejjes ta' tyres li kienu gejjin minn naha opposta tar- roundabout. Jghid li huwa kien mal-mara tieghu li dak iz-zmien kellha seba' xhur tqala. Huwa fil-fatt esebixxa ritratti tal-lokalita'.

Ra zewg karozzi tat-tip BMW u ta' quddiem kien qed jiddriftja. Jghid li kif gie biex idur mar-roundabout biex jigi fit-triq ghal-fejn kien ipparkjat hu, haditu l-karozza. Jghid li rah gej dritt ghal fuqhom u ghalhekk irriversja lura u skapulah b'naqra. Jikkonferma li s-sewwieq waqaf hdejhom izda imbaghad baqa' ghaddej. Jghid li ma lahaqx ha n-number plate tal-karozza ta' wara. Mistoqsi jekk jgharafx lis-sewwieq jghid li mhux cert pero' l-appellant itih xebh.

Jghid li appena wasal hdejh dan is-sewwieq huwa nizel mill-vettura tieghu biex ikelmu izda s-sewwieq baqa' ghaddej. Dan bili rega' taha first u telaq . Dak il-hin pero' kien kwazi wieqaf hdejh.

Mistoqsi jekk is-sewweiq kienx qed isuq bis-sahha jghid li kien qed jiddriftja mhux bis-sahha. Jikkonferma li kien gej mid-direzzjoni tar-roundabaout ibandal il-karozza l-hawn u 'l hinn. Qal li dik hija it- triq ta' bejn ix-Xghajra u Haz- Zabbar.

Jikkonferma li l-karozza haditu u qasam ghan-naha l-ohra tal-karreggjata u kieku laqtu kien jitfghu mal-bankina. Qal li huwa kien ipparkjat hdejn il-Pajero, ftit warajha. Ix-xhud enfasizza illi s- sewwieq kien qed isuq karozza griza skura telgha it-telgha u hu gej mix-Xgharja, dar mar-roundabaut u qabad Triq Haz- Zabbar, waqt li l-karozza tieghu kienet qed thares lejn id-direzzjoni tax-Xghajra. Jghid li dak il-hin fit-triq ma kien ghaddej hadd la bil-karozzi u lanqas bil-pass.

**Daniela Abela** xehdet fl-istess jum tas-6 ta' Marzu 2018 u tispjega li nhar it-23 ta Gunju 2018, kient waslet hdejn id-dar ta' ommha. Appena zewgha Clayton ipparkja l-vettura quddiem il-parapett taghhom, jigifieri mat-triq semghet hoss kbir ta' magni tal-karozzi bhal meta jkunu modifikati. Tghid li minn hdejhom jghaddu hafna minn dawn it-tip ta karozzi. Ikkonfemat li dak in-nhar kellha seba' xhur tqala. Hija harset u minn hdejn ir roundabout rat BMW sewda gejja u kif kien jidher dan kien dar ir-roundabout u skidja. Qalet li l-karozza griet, zelqet minn fuq it triq, qabzet fuq in naha l-ohra tal-kareggjata u huma immissjawha bi ftit. Dak il-hin bdiet tahseb li kien ser jolqotha u ma kienitx taf jekk kellhiex tohrog mill-karozza. Taf li f'xi hin il-karozza li kient riekba hi reset lura, u fil-fatt tahseb li kien zewgha li irriversja. Taf pero' li s-sewwieq ta' din il-BMW baqa' ghaddej. Spjegat li t-triq fejn sehh l incident hija wiesgha u joqghodu hames karozzi pparkjati fejn xulxin jigifieri dan kien qieghed isuq bi speed u bil-fors li l-vettura hadithu.

Taf li is sewweiq baqa ghaddej. Taf li zewgha kien irrabjat hafna u hareg mill-vettura hija harset lura u hadet in numru tal karozza li kien BCA 329 u dak il-hin stess marru l-ghassa. Qalet li ma kienx normalli agir bhal dan.

Mistoqsija jekk is sewweiq tal-BMW kienx ghaddej bi speed eccessiv tghid li ma tafx pero' taf li semghet hoss qawwi. Fuq ghajnejha ma tistax tghid xi speed kellu pero' zgur li ma kellux sewqan normali.

Spjegat li qabel ma rat is-sewwieq taf li semghet il-hoss qawwi ghax dan ma kienx ta karozza normali tinstaq b'mod normali. Imbaghad tfacca minn wara ir-roundabout, din ir- roundabout fiha ukoll is- sigar u ghalhekk m'ghandekx clear view . Taf li tfaccat karozza sewda f'daqqa wahda u appena telaq minn mal-roundabout skiddja litteralment forma ta' 'V' hekk ghal fuqhom, qisu xi hadd tefa sajjetta. Tghid li dak il-hin ghaddew hafna hsibijiet minn mohha pero' zewghha qabad u rriversja. Tghid li zewgha ghandu courses ta' defensive training . Il- karozza taghhom ma kienitx mitfija ghaliex kienu ghadhom kemm waslu. Kien dak il-hin li irriversja.

L-appellant **Nikolai Bondin** xehed b'mod volontarju quddiem l-ewwel Qorti u stqarr is-segwenti. Spjega li verament kien ghaddej minn Triq Orlando, Zabbar gej mix-Xghajra dar mar roundabout u dan wara li ra li ma kienux gejjin karozzi. Jghid li baqa' hiereg u ex admisses ighid "jisa jkun tajtha naqra gas biex nevita li tigi xi karozza u noqghod nsitenna u bqajt sejjer jen Haz Zabbar normali.' Jghid ukoll ex admisses 'daqshekk kollox..la kien jaf li kien hemm karozzi ipparkjti mar roundabaout.'

Mistoqsi jekk f'mument tilef il-kontroll tal-vettura ighid li le anzi jghid 'li forsi hrigt bis-sahha biex naqla' minn wara ir roundabaout haga ovvja..imma mhux vera li tlift il-kontroll' Jghid li lilu hadd ma waqqfu, la hadd ma ghamilu sinjal u ma ra lil hadd fit-triq u lanqas ma kien hemm hadd mieghu. Kien wahdu jigifieri.

Qal li veru kienu baghtu ghalih l-ghassa u meta kien hemm qalulu li kien ser itajjar mara pregnant u qalilhom li ma kienx ra lil ebda mara pregnant u anke kieku qal li xorta postha mhux hemm kien.

Jenfasizza li ma ra lil hadd fit-triq u lanqas mar-roundabout u hadd ma waqqfu lanqas fil-genb. Jghid ukoll li l-vettura tieghu hija ta' kulur blu skur izda ghandha l-istess number plate li hemm fuq il-komparixxi.

Ikkunsidrat ultejorment,

Illi l-aggravju tal-appellant jirrigwarda l-apprezzament tal-provi traskritti li ghamlet l-ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni

li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan issens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**.[1]"; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[2]" ;"**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[3]"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[4]" u ohrajn .)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper**" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968):-

"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should

the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed." (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392)

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet: "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**[5]", inghad illi :-

---

[1] Deciza nhar it-12 ta Mejju 1994.
[2] Deciza nhar l-14 ta Frar 1989
[3] Deciza nhar il-31 ta' Mejju 1991
[4] Deciza nhar il-31 ta' Mejju 1991.
[5] Deciza nhar l-1 ta' Dicembru, 1994

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Illi pero', minkejja li l-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, xorta din il-Qorti trid tkun konvinta mill-htija tal-appellant.

Illi l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni, sakemm ma jkunx hemm specifikat mod iehor fil-ligi, huwa tal-htija lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova l-akkuza taghha kontra l-akkuzat '*beyond reasonable doubt*,' kif gie deciz fil-kawza "**<u>Pulizija vs Bugeja</u>**[6]",. Illi min-naha l-ohra d-difiza, msahha bil-presunzjoni tal-innocenza tal-akkuzat, tista' tibbaza u/jew tipprova l-kaz taghha anke fuq bilanc ta' probabbilita`, jigifieri jekk huwa probabbli li seta' gara dak li gie rrakkuntat mill-akkuzat kif korroborat mic-cirkostanzi jew le.

Illi dan ifisser li l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat oltre` kull dubbju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubbju ragonevoli, il-prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

---

[6] Deciza nhar is-26 ta' Marzu, 1987

Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet "**Pulizija vs Peter Ebejer**[7]" qalet illi:-

*"Ta' min ifakkar hawnhekk li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni. Ghamlet sew infatti l-ewwel qorti li ccitat b'approvazzjoni l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz "**Miller v. Minister of Pensions**" [1974] 2 All E.R. 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt";*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence "of course it is possible but not in the least probable" the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice[8]".*

Illi f'in il-kawza l-prosekuzzjoni pprovat is-segwenti ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti u cioe:

1. Illi nhar it-23 ta' Gunju, 2017 l-appellant kien qed isuq il-vettura tal-ghamla BMW ta' kulur skur bin numru ta' registrazzjoni BCA 329 gej mid-direzzjoni tax-Xghajra minn fuq roundabout.
2. Illi hekk kif titlaq ir-roundabaout kien hemm l-kwerelanti l-konjugi Abela ipparkjatai bil-vettura taghhom ma genb il-bankina.
3. Illi l-appellant kif del resto jikkonferma hu stess ighid li telaq minn mar-roundabout u fl-ebda hin ma ra lil had, la fuq ir- roundabout u lanqas fit-triq.
4. Min naha l-ohra, l-konjugi Abela it-tnejn ighidu li semghu hoss qawwi u meta harsu lura raw il- BMW gejja.
5. L-konjugi Abela it-tnejn jghidu li ma jafu xejn dwar l-ispeed li bih kien qed isuq l-appellant pero' t-tnejn jghidu li ma kienx qed isuq b'mod normali tant li beda jiswervja u li l-karozza hadithu u li kwazi dahal go fihom.

[7] Deciza fil-5 ta' Dicembru, 1997
[8] (373-374)

6. Illi Abela kellu jiehu misura evasiva tant li rriversja lura sabiex l-appellant ma jolqtux.

Illi ghalhekk issa jispetta il-Qorti tara minn fost ix-xhieda imressqa huwa l-aktar kredibbli. Dan u l-esercizzju li trid taghmel din il-Qorti beix tara jekk il-gudizzju milhuq mill-ewwel Qorti kienx wiehed '*safe u satisfactory*'.

Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'l fuq li fl-**Artikolu 638(2)** tal-Kap. 9 ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'.

Illi din il-Qorti rat dak li stqarru l-konjugi Abela u cioe' li huma kienu ipparkjati ma genb it-triq u raw lill-appellant jsiwervja minn fuq roundabaout u jmur fuq il-karreggjata zbaljata u hasbu li kien ser jispicca fihom. Kien ghalhekk li zewghha irriversja lura biex jevita li ikun hemm l-incident sinsitru. Huwa xehdu b'mod attendibli u kredibbli.

Filwaqt li l-appellant ighid li verament kien ghaddej mir- roundabout u ma ra lil hadd lanqas lill-kwerelanti li kienu ipparkjati fit-triq. Jghid ukoll li jaf li zied il gas meta dar mar rounabaout biex jevita milli jiltaqa' ma karozza. Meta mistoqsi jekk kienx ser jaqla' bis-sahha minn mar-roundabout jghid li iva, pero' jichad li tilef fil-kontrol.

Il-Qorti rat ghalhekk li x-xhieda moghtija mill-kwerealnti ghandha iktar mis-sewwa u ma hemm l-ebda raguni ghaeix l-kwerelanti kellhom izidu jew izejnu x-xhieda taghhom.

Illi ghalhekk jispetta lil Qorti tara jekk is-sewqan tal-appellant kien jammonta ghal sewqan perikoluz. Ghal dan il-ghan, din l-Qorti tghamel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizija vs Andre Apap**[9] li ghamlet referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**[10] fejn inghad li:-

[9] Deciza nhar l-4 ta' Frar, 2011
[10] Deciza nhar is-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157)

*"Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel"*

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-imijiet **Il-Pulizija v. Mario Gellel**[11]

*"...kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta,jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (**App. Krim. Pul. v. Charles Bartolo**[12],,* **Pol. v. Wilson**[13] *u* ***Pul. v. Alfred Vella***[14] *, u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim.* ***Pul. v. Hardingham***[15]*,). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim.* ***Pul. v. Charles Farrugia*** *'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim.* ***Pul. v. Joseph Aquilina***[16]*,)*

Illi m'hemmx dubbju li l-manuvra li ghamel l-appellant u cioe' li hareg bil-goff fuq roundabaout ta' dak id-daqs minghalih biex jevita karozzi li jistghu jaslu ghal fuq l-istess rounabaout u johrog minnha jisswervja u kwazi jolqot lill-kwerelanti jammonta ghal sewqan perikoluz.

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u tichad l-appell tal-appellant u dan billi qieghda tikkonfermha f'dik il-parti fejn ma sabitx lill-appellant hati tat-tieni akkuza u illiberatu minnha u hati ta l-ewwel akkuza kif inkorporata fit-tielet akkuza u tikkonfermaha anke fir rigward il-piena inflitta fl-ammont ta' mitejn euro (€200).

Dwar is- sospensjoni il-Qorti semghet id-difiza tghid li t-terminu moghti mil-ewwel Qorti dwar is-sospensjoni kien wiehed eccessiv. Jinghad li skond l-artikolu 15(2) tal-Kap 65 tal-Ligjiet ta' Malta il-perijodu ghas-sospensjoni f' kaz ta' sejbien ta' htija ta' sewqan perikoluz 'f'każ tal-ewwel kundanna, għal żmien ta' mhux anqas minn tliet

[11] Deciz fid-19 ta' Frar 2004
[12] Deiz nhar l-14 ta Marzu 1959
[13] Vol. XXXIX iv. 1018
[14] Vol. XLIV, p. 933
[15] Deciz nhar id-19 ta Ottubru 1963,
[16] Deciz nhar l-20 ta' April 1963.

xhur huwa ta' tlett xhur' u ghalhekk l-ewwel Qorti ghamlet sew meta ordnat l-iskwalifika tal-licenzja tas sewqan ghall-perijodu ta' tlett xhur.

Tikkonfermaha ukoll fir- rigwad din il-parti fejn l-ewwel Qorti ssospenditlu l-licenzja tas-sewqan ghal zmien 3 xhur m'illum u ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jeleva minghand l-akkuzat il-licenzja tas-sewqan minnufih b'dan illi dina ghandha tigi ritornata lill-akkuzat wara li jkun skada t-terminu tas-sospensjoni. It terminu jibda' jiddekorri mill-illum f nofs il-lejl.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur